A.L. 13 ta' l-1989

ATT TA' L-1967 DWAR IL-LUKANDI U L-ISTABBILIMENTI LI JIPPROVDU IKEL (ATT NRU. XII TA' L-1967)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1967 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, il-Ministru għall-Iżvilupp Terzjarju, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Lukandi u l-Istabbilimenti li Jipprovdu Ikel, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 67 ta' l-1972.

Jissostitwixxi t-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Taqsima I tas-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"**Taqsima I — Lukandi**

DRITT GĦAL	KLASSI				
	5 STAR	4 STAR	3 STAR	2 STAR	1 STAR
	Lm	Lm	Lm	Lm	Lm
A. Ċertifikat ta' Klassifika (ħlas ta' darba)	40	35	30	20	20
B. Liċenza—					
(i) Rata fis-sena kull kamra tas-sodda	6.00	4.50	3.50	3.25	3.00
(ii) L-inqas dritt li jitħallas fis-sena	450	350	150	75	50
Ċ. Trasferiment ta' Liċenza	30	25	20	10	10

"